MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 763/2005

**GasanMamo Insurance Limited**
**(C3143)**

**Vs**

**Roderick Farrugia**
**(ID: 145182 M)**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija u sittax-il lira Maltin (Lm116) rapprezentanti spejjez gudizzjarji u legali (u VAT) inkorsi mis-socjeta' attrici u mhallsa lil terzi ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana in segwitu tal-kawza fl-ismijiet **"SMS Insurance Agency Limited noe Vs Roderick Farrugia"**, deciza fis-17 ta' Novembru, 2003 **(Talba Numru 2384/2002PM)**, f'liema kawza l-assigurat tas-socjeta' attrici, l-konvenut Roderick Farrugia, ghazel illi jibqa' kontumaci minghajr raguni valida skond il-ligi, u b'hekk naqas milli jibqa

f'relazzjoni in uberrima fides mas-socjeta' assigurattrici tieghu, kif kellu d-dmir u l-obbligu jaghmel.

Interpellat sabiex ihallas permezz ta' Ittra ta' l-24 ta' Gunju, 2004, il-konvenut baqa' nadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ntavolat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz tat-talba sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut Roderick Farrugia, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Sema' lil Dr Michael Zammit Maempel jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sittax-il lira Maltin (Lm116) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------